# Fil-Prim Awla tal-Qorti Civili

# Onorevoli Imhallef Albert J. Magri B.A., LL.D.

Seduta ta' nhar it-Tnejn 28 ta' Mejju 2001

Citazzjoni numru 1792/96 AJM

Kawza numru

Concrete Mix Limited

Vs

Redland Construction Limited u Simon Grech ghal kull interess li jista' jkollu.

Il-Qorti,

Rat ic-citazzjoni presentata fit-28 ta' Mejju 1996 li permezz taghha l-attur wara li ppremetta illi l-konvenuti huma debituri tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' tlett elef disgha mija u tmintax il-lira maltija u sitta u sebghin centezimu (LM3,918.76) bilanc minn somma akbar rappresentanti prezz ta' kwantita ta' concrete mix mibjugh u kkonsenjat mis-socjeta; attrici fuq inkarigu tal-konvenuti; nonostante diversi talbiet ghall-hlas inkluzi permezz ta' ittra legali datata 5 ta' Frar 1996 u ittra ufficjali datata 26 ta' Frar 1996, il-konvenuti baqghu inadempjenti u ma hallsux; illi jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi ai termini ta'

l-artikoli 167 u 170 tal-Kodici tal-Procedura Civili u l-istanti qed jannetti ma' dan l-att affidavit immarkat bhala Dok A; talab li din il-Qorti:-

1. tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tal-istanti bid-dispensa ta' smiegh tal-kawza ai termini tal-artikoli 167 – 170 tal-Kodici ta' Procedura Civili;
2. tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta' attrici l-ammont ta' LM3,918.76 dovut kif fuq inghad.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra legali datata 5 ta' Frar 1996 u tal-ittra ufficjali datata 26 ta' Frar 1996 u bl-imghax legali mid-data tal-konsenja sal-effettiv pagament kontra l-konvenut ingunt personalment ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni, l-lista tax-xhieda u d-dokument anness.

Rat il-verbal ta' l-udjenza tal-31 ta' Mejju 1996 meta l-konvenuti inghataw il-fakolta' li jikkontestaw it-talba attrici.

Rat in-nota tal-konvenut Simon Grech proprio et nomine tal-11 ta' Gunju 1996 li permezz taghha eccepixxa:-

1. Illi d-domandi attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dana peress li l-ammont mitlub ta' tlett elef hames mija u wiehed u hamsin lira u sebgha u ghoxrin centezimu (LM3551.27) (sic?) mhux il-bilanc dovut lill-attur.
2. Illi bejn il-partijiet kien hemm relazzjoni kummercjali fejn il-bilanci u ammonti dovuti bejn il-partijiet kienu jitpartu ma' xoghol u materjal taz-zewg partijiet.

Rat id-dikjarazzjoni w l-lista tax-xiehda tal-konvenuti.

Rat id-digriet taghha tat-28 ta' April 1997 meta giet mahtura bhala assistent gudizzjarju Dr. Maria Dolores Gauci sabiex tigbor il-provi tal-partijiet.

Ikkunsidrat:-

Mill-atti processwali jirrizulta li hemm qbil bejn il-kontendenti li l-attur huwa kreditur tal-konvenuti fis-somma ta' LM5067.24. Hemm qbil ukoll li s-socjeta' konvenuta ghandha tiehu certa somma ghal xogholijiet li hija ezegwit fuq talba tas-socjeta' attrici u dana biex jinqata jew jigi pacut l-ammont dovut ghall-konsenji lilha maghmula. Izda filwaqt li l-attur jghid li l-ammont dovut lis-socjeta' konvenuta u li konsegwentement ghandu jonqos mill-ammont dovut lilu, hu ta' LM1407.70, b'dana li wara li jigu komputati l-imghaxijiet, jibqa' kreditur fis-somma indikata fic-citazzjoni; il-konvenut qed isostni li l-ammont dovut lilu hu ta' LM3551.27, skond kont dettaljat minnu ppresentat, u b'hekk fadallu jhallas is-somma ta' LM1515.97, bla imghax.

Minn dan jidher li kif sostna l-konvenut kien hemm ftehim bejn il-kontendenti sabiex d-debitu tas-socjeta' konvenuta jigi pacut, jekk mhux kollu, in parti b'xoghol. Izda billi ma hemmx qbil dwar il-valur tax-xoghol prestat mill-konvenut jkun opportun li dan jigi determinat sabiex tkun tista' ssir it-tpacija mehtiega.

Ghar-ragunijiet fuq moghtija l-Qorti filwaqt li tilqa' t-tieni eccezzjoni moghtija mill-konvenut billi tiddikjara li kien hemm ftehim bejn il-kontendenti dwar kif kien qed jinqata l-kont dovut lill-attur, tissospendi

l-prolazzjoni tas-sentenza fil-mertu u tahtar lill-AIC Godwin Abela, a spejjes provizorjament tal-konvenuti, sabiex dan, wara li jiehu in konsiderazzjoni x-xogholijiet ezegwiti mill-konvenut fl-interess tas-socjeta' attrici, jiddetermina l-valur gust tal-istess xogholijiet liema valur jkun jista' jitnaqqas mill-ammont reklamat mill-attur.

Spejjes riservati ghall-gudizzju finali.

Onor Imhallef Albert J. Magri